**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

Illum **l-Erbgha 11 ta' Lulju, 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs.**

**Rashad Mabruk**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Rashad Mabruk sive Rashed El-Arabi Mabruk ta' 46 sena, iben il-mejtin Arabi u Arbia nee' Sherif, imwieled Tripoli nhar it-22 ta' Gunju 1972, u residenti gewwa 130, Flat 3, Triq San Nikola, il-Belt Valletta, detentur tal-karta tal-identita' numru 154699(M);

Akkuzat talli fil-31 ta' Jannar 2018 ghall-habta tal-11:20hrs minn gewwa l-hanut Sunlab, numru 287, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta**:**

1. ikkommetta serq ta' arlogg tad-ditta 'Michael Kors' liema serq huwa ikkwalifikat bl-ammont liema ammont jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu

(232.94) u dan ghad-detriment ta' Cynthia Ciappara u/jew persuna jew persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 267 u 279 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

Akkuzat ukoll talli nhar id-19 ta' Mejju 2018 minn gewwa l-istabbiliment Bling by Supergold Jewellers, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar:

2. ikkommetta serq ta' arlogg tal-ghamla 'Mark Maddox', liema ammont jeccedi s-somma ta' tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (23.92) izda ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94) u dan ghad-detriment ta' Maria Elena Ebejer Ciantar u/jew persuna jew persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta

Akkuzat ukoll talli nhar it-13 ta' Gunju 2018 minn gewwa l-istabbiliment BLing by Supergold Jewellers, Triq il-Korp tal-Pijunieri, San Pawl il-Bahar:

3. ikkommetta serq ta' arlogg tal-ghamla 'Fossil', liema ammont jeccedi s-somma ta' tlieta w ghoxrin euro w disgha w ghoxrin centezmu (23.92) izda ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro w erbgha w disghin centezmu (232.94) u dan ghad-detriment ta' Maria Elena Ebejer Ciantar u/jew persuna jew persuni ohra u dana bi ksur tal-artikolu 261, 284 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti ghandha titratta ma Rashad Mabruk li huwa recediv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi kien gie misjub hati b'sentenzi tal-Qorti ta' Malta, li saru definittivi u ghaldaqstant ma' jistghux jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artiklu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Lulju 2018 sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2009, l-imputat irregistra ammissjoni tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-imputazzjonijiet dedotti kontrih jistghu iwasslu ghall-piena massima ta' erba' snin prigunerijia effittivi (stante li l-Avukat Generali ta il-kunsens tieghu biex dawn il-proceduri jinstemghu bil-procedura sommarja), u wara li l-Qorti tat lill-imputat iz-zmien necessarju biex jerga' jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu, huwa rega' ikkonferma l-ammissjoni tieghu.

Fl-istess seduta gie verbalizzat hekk: *"L-Ufficjal Prosekutur u d-difiza jaqblu illi rigward l-ewwel imputazzjoni, il-valur tal-oggett misruq kien ta' 256.44 Ewro, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-valur tal-oggett misruq kien ta' 86 Ewro u fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, il-valur tal-oggett misruq kien ta' 159 Ewro."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Mill-ammissjoni tal-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmula mill-imputat tista' xorta titqies bhala wahda bikrija, ghalkemm saret fit-tieni seduta li nzammet f'dawn il-proceduri.

Pero l-fedina penali tal-imputat hija wahda raffrettarja. Huwa ghandu sittax (16) -il kundanna minn dawn il-Qrati, li jinkludu hdax (11) –il kundanna minnhom huma fuq serq aggravat, zewg kundanni dwar pussess semplici tad-droga eroina, kundanna ghal hsara volontarja u zewg kundanni ghal-ksur tal-kundizzjonijiet tal-bail. Fil-fatt mill-provi, kif ukoll fuq ammissjoni tieghu stess, jirrizulta li l-imputat huwa recidiv plurimu tar-reat ta' serq, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li l-piena ghandha tizdied bi tlett gradi.

Ghalkemm l-imputat inghata opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita li qabad, billi inghata Ordni ta' Probation, u zewg sentenzi sospizi, huwa ovvju li l-imputat ma gharafx juzufruwixxi ruhu minn dawn l-opportunitajiet li tawh il-Qrati, izda qed ikompli jippersisti fit-triq tal-kriminalita, u dan minkejja li kellu diversi pieni ta' habs effettiv. Fil-fatt mill-istqarrija tieghu jirrizulta li huwa hareg mill-habs fit-18 ta' Jannar 2018, u hmistax (15) –il gurnata wara huwa ikkommeta r-reat ta' serq fl-ewwel imputazzjoni u z-zewg reati l-ohra ikkommetihom fi zmien hames xhur wara li hareg mill-habs.

Mit-trattazzjoni orali tal-Ufficjal Prosekutur jirrizulta li l-imputat kien diga heles mill-oggetti minnu misruqa, qabel ma gie arrestat u ghaldaqstant talbet li l-vittmi jigi kompensati ghat-telf li huma sofrew.

Huwa ovvju li l-imputat ma jridx jitghallem mill-izbalji tieghu, u l-imputat m'ghandu l-ebda rispett lejn l-awtoritajiet tal-pajjiz, u m'ghandux skruplu jisfida l-ordnijiet taghhom – attitudni li thasseb lil din il-Qorti mhux ftit.

Fil-fehma ta' din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-imputat ghandu jinghata piena karcerja effettiva mhux lejn il-minimu, kif inghata s'issa, sabiex jirrealizza li ma jistax jibqa' jikser il-ligi b'impunita, u ghandu bzonn ibiddel hajtu.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c), 267, 279(a), 284, 285, 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' tletin (30) xahar prigunerija effettiva.

Inoltre ai termini 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-hati, ihallas:

1. l-ammont ta' mitejn u sitta u hamsin Euro u erba' u erbghin (€256.44) centezmu lil Cynthia Ciappara;
2. l-ammont ta' sitta u tmenin (€86.00) Euro lil Maria Elena Ebejer Ciantar; u

3. l-ammont ta' mija u disa' u hamsin Euro (€159.00) lil Maria Ebejer Ciantar.

**Magistrat**

**Robert Bugeja**

**Deputat Registratur**